

Brussell, 9 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14048/18

CATS 81
JAI 1111
FREMP 191
COSI 259

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu: il-ksib mill-Unjoni Ewropea tal-istatus ta' Sieħeb Internazzjonali Permanenti (PiP) mal-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawst (IHRA)

Waq t il-laqqha tal-Kunsillieri ĠAI fit-8 ta' Novembru 2018, id-delegazzjonijiet eżaminaw abbażi ta' nota ta' spjegazzjoni li tinsab fid-dokument WK 12681/2018, it-talba tal-Kummissjoni li l-Unjoni tirrispondi b'mod pożittiv għall-istedina li tikseb l-istatus ta' Sieħeb Internazzjonali Permanenti (PiP) mal-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawst (IHRA).

Waq t il-laqqha, ġie ċċarat li l-IHRA ma tieħux deċiżjonijiet li jkollhom effetti legali u li jekk l-Unjoni kellha tikseb l-istatus ta' PiP, hija ssir osservatur għall-IHRA mingħajr id-dritt tal-vot. Barra minn hekk, ġie spjegat li l-istatus ta' PiP ma kienx ser jinvolvi impenji legali jew finanzjarji min-naħa tal-Unjoni. Għaldaqstant, ma jehtiegħx li tintuża l-proċedura skont l-Artikolu 218(9) TFUE. Madankollu, minħabba l-importanza politika, l-approvazzjoni politika mill-Kunsill tal-ksib tal-istatus ta' PiP mal-IHRA tal-Unjoni titqies bħala neċessarja.

Waq t il-laqqha tat-8 ta' Novembru, il-Presidenza kkonkludiet li l-proposta mill-Kummissjoni li l-Unjoni għandha tikseb l-istatus ta' PiP mal-IHRA rċeviet appoġġ ġenerali mid-delegazzjonijiet, soġġetta għal riżervi ta' skrutinju minn seba' delegazzjonijiet minħabba l-iskadenza qasira biex tiġi eżaminata t-talba tal-Kummissjoni.

Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Presidenza tistieden lill-Coreper biex:

- jaqbel dwar il-ksib mill-Unjoni Ewropea ta' status ta' Sieħeb Internazzjonali Permanenti mal-IHRA, u
 - jistaqsi lill-Kunsill biex japprovah.
-